MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 730/1994/1

**Ian Ellis u Josephine Ellis**

**vs**

**Francis Vella u l-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati ghal kull interess li jista' jkollhom u b'sentenza tat-13 ta' Marzu, 1995, il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju u b'digriet tal-15 ta' Novembru, 1995, gew kjamati fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati**

**Il-Qorti:**

## IS-SENTENZA APPELLATA

1. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Jannar, 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi, dik il-Qorti iddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellanti Francis Vella, cahdet it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Registratur tal-Qorti, u filwaqt illi laqghet it-tielet eccezzjoni taghhom cioe` dik ta' l-intempestivita` limitatament ghat-tieni talba attrici, iddikjarat u iddecidiet illi l-atturi appellati huma proprjetarji ta' l-oggetti elenkati fil-lista ta' l-esebiti quddiem il-Qorti Kriminali u li jinsabu indikati bhala Dokumenti J-2, DG-58, DG-74, DG-75, DG-78, DG-84, DG-88, DG-91, DG-92, DG-106, DG-287, DG-426 u DG-427.

## L-APPELL TAL-KONVENUT

2. Peress li l-konvenut Francis Vella dehrlu li kien hemm ragunijiet li jaggravawh bl-imsemmija sentenza, huwa interpona appell minnha ghal dak li jirrigwarda t-totalita` taghha.

3.1 L-aggravji tal-konvenut u fi kliemu jikkonsisti f'dan li gej:-

"Huwa tajjeb li jigu inkwadrati l-fatti fil-qosor. Illi fil-4 ta' Frar, 1983, l-atturi appellati sofrew serqa ta' diversi oggetti mobbli u dana mill-fond maghruf bhala Ballut Cottage, il-Wardina limiti ta' San Pawl il-Bahar. Illi l-istess atturi esebew lista' ta' l-oggetti illi gew misruqa lilhom f'din is-serqa liema lista giet annessa mac-citazzjoni u immarkata Dokument A. Illi l-atturi appellati allegaw illi dawn l-oggetti kienu xi whud minn dawk illi nstabu fil-pussess tal-konvenut appellanti Francis Vella mill-Pulizija, liema oggetti gew elevati mir-residenza tal-konvenut u iddepositati taht l-Awtorita` tal-Qorti fl-atti tal-kawza kriminali pendenti kontra Francis Vella, liema kawza tinsab illum pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u differita ghas-sentenza. Illi l-konvenut appellanti baqa' jsostni illi l-oggetti kollha li gew elevati minghandu, inkluz ghalhekk dawk l-oggetti mertu tal-kawza odjerna huma kollha proprjeta` tieghu.

Minn dan ghalhekk konfrontat ma’ l-istess sentenza appellata jirrizultaw is-segwenti aggravji:-

A. L-ewwel aggravju – Il-bilanc tal-provi

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha stqarret illi fil-fehma taghha l-verzjoni moghtija mill-atturi appellati u x-xhieda prodotti minnhom kienet wahda aktar verosimili u dana stante l-fatt illi l-istess xhieda kienet korroborata mir-ritratti u anke mix-xhieda tas-Supretendent Daniel Gatt. Illi fl-ewwel lok jekk wiehed kellu jezamina dak illi qal is-Supretendent Gatt fix-xhieda tieghu din kienet tikkostitwixxi *hearsay* u ma kenitx korroborata mill-ebda fatt konkret. L-ewwel Qorti qalet illi s-Supretendent Gatt kien xehed illi l-konvenut Vella kien ammetta mieghu illi l-oggetti elevati mid-dar tieghu ma kienux gew akkwistati bis-sewwa. Illi bir-rispett kollu din il-frazi ma tistax tittiehed bhala xhieda kontra l-konvenut appellanti li xehed kemm fl-affidavit tieghu rigward in-negozju tieghu ta’ l-antikwarjat u n-nies li kien jixtri minghandhom, kif ukoll indika l-provenjenza ta’ kull oggett u cioe` l-persuna minghand min huwa kien akkwista l-oggett partikolari. Il-konvenut kien car fix-xhieda tieghu u kien kapaci jindika l-provenjenza ta’ kull oggett mertu tal-kawza, haga illi l-atturi ma kienux f’posizzjoni illi jaghmlu, iktar u iktar, meta wiehed iqis illi dawn l-oggetti minnhom reklamati huma provenjenti lilhom minn wirt u ma gewx akkwistati minnhom personalment. Ta’ min wiehed jghid illi l-konvenut appellanti ma kienx f’posizzjoni illi jesebixxi r-ricevuti u d-dokumenti in sostenn ta’ l-argumenti tieghu stante illi dawn il-karti kienu wkoll gew elevati mill-Pulizija u bosta minnhom huma esebiti fl-atti tal-kawza kriminali pendenti kontra tieghu.

L-attur Ian Ellis min-naha l-ohra fl-ewwel lok jixhed u jghid illi l-oggetti kif elenkati fid-Dokument A kienu gew maghrufa mis-sid proprju tal-post gewwa il-Wardija, Richard Ellis, illi llum huwa mejjet. Fl-ebda mument fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ma saret l-icken prova rigward jekk l-atturi appellati kienux o meno l-werrieta ta’ dan Richard Ellis u jekk ghalhekk huma kellhomx id-dritt jirreklamaw dawn l-oggetti. Inoltre bir-rispett kollu x-

xhieda ta’ l-avukat Lanfranco, illi gieli mar fid-dar li giet derubata u ra l-oggetti elenkati fid-Dokument A, ukoll ma hijiex prova konklussiva u dana peress illi wiehed ma jistax f’vista okkazzjonali jidentifika kull oggett li jkun jinstab gewwa dar.

Min-naha tieghu l-konvenut appellanti ressaq anke xhieda biex jikkoroboraw dak li kien qieghed jghid oltre l-fatt kif diga` inghad.

B  It-tieni aggravju – L-identifikazzjoni ta’ l-oggetti mertu tal-kawza

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza irrizulta mill-provi prodotti mill-konvenut appellanti illi xi whud mill-oggetti mertu ta’ din il-kawza, kienu gew identifikati minn iktar minn persuna wahda, u dana senjatament mill-familja Testaferrata Bonici kif ukoll mill-familja Meli Bugeja.  Fil-fatt l-ewwel Qorti ma setghetx tippronunzja ruhha fuq dawn l-oggetti u dana peress illi ma kienx hemm prova konklussiva rigward it-titolu taghhom.

Illi ghalhekk setghet l-ewwel Qorti tikkonkludi *on a balance of probabilities* illi t-titolu ta’ l-oggetti l-ohra kien jispetta lill-atturi appellanti u mhux lill-konvenut?  Dana peress illi allura hemm indikazzjoni illi tezisti l-possibilita` illi mill-istess oggett jezistu iktar minn kopja wahda u li allura l-oggett partikolari li jinsab fl-arkivji tal-Qorti mhux necessarjament huwa l-istess oggett li gie misruq mid-dar proprjeta` taghhom u li ghalhekk mhux necessarjament jappartjenu lill-atturi appellati.  Illi bhala ezempju ta’ din il-konfuzjoni illi hemm rigward l-identifikazzjoni ta’ l-oggetti, l-appellanti jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija mill-attur Ian Ellis rigward l-oggett immarkat bin-numru DG 226, li hija qanpiena ta’ mal-hajt.  Dan l-istess oggett kien gie identifikat mill-familja Testaferrata Bonici.  L-attur jghid illi din il-qanpiena: “kienet imdendla fil-kamra ta’ l-ikel taghna fil-Wardija, u anke tidher fir-ritratti.”  L-istess jista’ jinghad fuq l-item immarkat Dokument DG269, li ukoll gie identifikat mill-familja Testaferrata Bonici.  Illi ghalhekk lanqas ir-ritratti esebiti mill-atturi ma huma xi prova konklussiva stante illi ghalkemm l-attur Ellis jghid illi hafna mill-oggetti jidhru fir-ritratti, irrizulta illi dawn qed jigu identifikati min-nies ohra.  Ghalhekk l-ewwel Qorti ma

setghetx teskludi l-fatt illi dawn l-oggetti kollha setghu kienu proprjeta` tal-konvenut appellanti, kif isostni hu, ghaliex dawn l-istess oggetti qeghdin jigu reklamati mhux biss minn dawn it-terzi persuni, izda wkoll mill-konvenut appellanti stess.

Illi ghaldaqstant galadarba jezisti dan il-kunflitt rigward it-titolu ta' xi whud mill-oggetti mertu tal-kawza, kif setghet l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi allura l-oggetti l-ohra bilfors iridu jkunu proprjeta` ta' l-atturi appellati! Dawn il-fatti jistghu biss iwasslu ghall-konkluzjoni illi l-atturi appellati ma irnexxielhomx jipprovaw it-titolu taghhom u dana stante illi ghalkemm jezistu ritratti li jindikaw dawn l-oggetti u ghalkemm l-atturi ipproducew xhieda li qalu illi dawn l-ogetti rawhom ghand l-atturi, xorta wahda hemm terzi illi qeghdin jghidu illi dawn l-oggetti fil-fatt huma taghhom. Il-konkluzjoni bilfors trid tkun wahda u cioe` illi l-provi prodotti mill-atturi appellati ma jippruvawx b'mod konklussiv it-titolu taghhom ghall-oggetti mertu tal-kawza."

3.2 Ghaldaqstant il-konvenut appellant talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar, 2001, fl-ismijiet premessi, u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut appellanti, Francis Vella. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellata.

**<u>RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTURI</u>**

4.2 L-atturi appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-ismijiet premessi fid-29 ta' Jannar, 2001, hija gusta u legali u timmerita konferma fl-interezza taghha bl-ispejjez (hlief dawk allokati lill-atturi fl-istess sentenza) taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant ghaliex:

L-atturi ipproducew l-ahjar prova sabiex jistabbilixxu l-proprjeta` taghhom fuq l-oggetti mobbli in kwistjoni ghaliex, oltre ghal-lista redatta minn Richard Ellis – illum mejjet – huma esebew ukoll diversi ritratti mnejn jirrizultaw bl-aktar mod car hafna mill-oggetti misruq mill-fond

taghhom gewwa l-Wardija. Il-konvenut appellant jallegga illi “fl-ebda mument fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ma saret l-icken prova rigward jekk l-atturi appellati kienux o meno l-werrieta ta’ dan Richard Ellis”, pero` dan mhuwiex minnu ghaliex Ian Ellis jixhed illi “fil-fatt l-eredi tieghu u writthom jien…”, filwaqt illi l-Avukat Lanfranco jikkonferma dan kollu – ara verbal seduta tat-23 ta’ Mejju, 1997, Fol. 3 u 4. Fi kwalunkwe kaz la darba l-konvenut appellant ma kkontestax il-fatt ta’ l-eredita` ta’ Richard Ellis fl-ewwel stadju ta’ din il-kawza, mhuwiex f’posizzjoni illi jeccepixxi dan il-punt f’dan l-istadju.

Matul l-access mizmum fl-arkivju tal-Qorti fil-25 ta’ Marzu, 1997, l-attur Ian Ellis – vide fol. 4 tal-verbal ta’ l-istess access – identifika l-oggetti kollha u kkonferma illi dawn kienu kollha fid-dar ta’ zijuh (l-imsemmi Richard Ellis) fil-Wardija.

L-istess Ian Ellis xehed ‘in extenso’ dwar l-oggetti in kwistjoni – ara xhieda tas-7 ta’ April, 1995, ta’ l-24 tal April, 1997 kif ukoll il-kontro-ezami tieghu tat-23 ta’ Mejju 1997 – fol. 1, 2 u 3 tal-verbal ta’ l-istess seduta.

Ix-xhieda tieghu hija korroborata minn diversi xhieda estranji fosthom is-Supretendent Daniel Gatt – li, “inter alia”, ikkonferma illi l-konvenut Vella kien ammetta mieghu illi diversi oggetti li gew elevati mid-dar tieghu “kienu gew akkwistati mhux bis-sewwa”. Xhieda ohra estranji illi ikkorroboraw ix-xhieda ta’ Ian Ellis kienu l-Perit Louis Busuttil, Joe Paris kif ukoll l-Avukat sottoffirmat. Alfred Gera de Petri prodott mill-konvenut fis-seduta tas-27 ta’ Marzu, 1998 – fol. 7 u 8 tal-verbal ta’ l-istess seduta – ukoll jikkontribwixxi ghall-korroborazzjoni tax-xhieda ta’ l-attur.

Min-naha tieghu, il-konvenut – illi fir-rikors tieghu jallega illi “indika l-provenjenza ta’ kull oggett u cioe` l-persuna minghand min huwa kien akkwista l-oggett partikolari” – b’kumbinazzjoni kbira jghidilna illi dawn il-vendituri huma kwazi kollha mejtin illum u li ma kienx f’posizzjoni illi jesebixxi xi ricevuti u dokumenti ohra in sostenn ta’ l-argumenti tieghu stante illi dawn il-karti kienu gew elevati

mill-Pulizija! Illi, ghal dawk li ma kienux mejtin – il-konvenut jirreferi ghal nofs l-avukatura Maltija fosthom il-Professur Ganado, l-Avukat Albert Ganado, l-Avukat Giovanni Bonello u ohrajn – meta gie ippressat fil-kontro-ezami tas-6 ta’ Dicembru, 1996, sabiex jixhed dwar dawk l-oggetti illi kien akkwista minghandhom irrizulta illi fil-fatt ma kien akkwista xejn!

Il-fatt illi kien hemm xi konflitt ta’ prova dwar l-identifikazzjoni ta’ numru zghir mill-oggetti mertu ta’ dina l-kawza, certament ma jistax ifisser illi l-oggetti l-ohra mhumiex ta’ l-atturi – kif qieghed jippretendi l-konvenut appellant. Il-kawza prezenti kienet miexja flimkien ma’ kawza ohra istitwita mill-familja Meli Bugeja kontra l-istess konvenut appellant, u dana fl-istess Qorti presjeduta mill-istess Imhallef, filwaqt illi ghad hemm pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta kawza ohra istitwita mill-familja Testaferrata Bonici. L-atturi fit-tlett kawzi lkoll talbu, inter alia, illi jigu dikjarati proprjetarji ta’ diversi oggetti mobbli li kienu gew misruqin minghandhom u huwa ghal kollox normali u ovvju, illi f’kaz ta’ lista hekk enormi ta’ oggetti mobbli illi jkun hemm ftit konfuzjoni dwar l-identifikazzjoni ta’ whud mill-oggetti, pero` dan il-fatt certament ma ghandux imur kontra l-atturi u b’mod specjali meta il-konvenut appellant ma ghamel ebda prova konkluziva illi dawn l-oggetti, jew uhud minnhom, kienu tieghu. Minhabba ghal fatt illi kull wahda mill-imsemmija tlett familji kienu biss involuti fil-kawzi taghhom u ma kienux parti fil-kawzi ta’ l-ohrajn. L-ewwel Qorti iddecidiet tajjeb billi irriservat kull dritt spettanti lill-atturi ‘si et quatnus’ fuq l-istess oggetti.

**<u>IR-REGISTRATUR TAL-QRATI</u>**

5. L-appellati Registratur tal-Qrati u Kummissarju tal-Pulizija wiegbu hekk:

(I) Rigward l-appell dwar il-prova ta’ l-oggetti mertu tal-kawza, jigifieri dwar il-mertu ta’ l-ewwel talba ta’ l-atturi appellati, l-esponenti ma ghandhiex interess f’dan l-istadju li tippronunzja ruhha;

(II) Rigward l-inkompetenza ta’ din il-Qorti, mertu tat-tieni eccezzjoni ta’ l-esponenti li giet michuda, l-esponenti mhijiex qed titlob ir-revoka taghha, pero` din l-inkompetenza ta’ l-ewwel Qorti li tordna lill-esponenti tikkonsenja lill-atturi l-oggetti mobbli in kwistjoni, pendenti proceduri kriminali, ghandha tkun dikjarata, fid-dawl tac-cahda tat-tieni talba ta’ l-atturi ghal tali konsenja;

(III) Rigward l-illegittimita` tal-kontradittur esponenti quddiem l-ewwel Qorti, mertu tar-raba’ eccezzjoni ta’ l-esponenti, id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward tal-legittimita` ta’ l-esponenti ghandha tkun konfermata;

(IV) Rigward l-intempestivita` ta’ l-azzjoni, mertu tat-tielet eccezzjoni ta’ l-esponenti, id-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti ghandha tkun konfermata.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. Wara li jaghti l-verzjoni tieghu (succintement) tal-fatti, il-konvenut iressaq bazikament zewg aggravji dwar is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, igifieri li

(I) il-bilanc tal-provi kien tali li kellu jmur favur il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellant, fis-sens illi l-oggetti de quo kienu proprjeta` tieghu u mhux ta’ l-atturi appellati;

(II) mill-identifikazzjoni o meno ta’ l-oggetti mertu tal-kawza, u d-dubbji li jemergu dwar xi whud mill-oggetti, l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li dawn l-oggetti kienu jappartjenu lill-atturi appellati.

7. Kif jidher evidenti, iz-zewg aggravji tal-konvenut huma intimament konnessi ma’ xulxin. Effettivament dak li qieghed jissottometti l-appellant fiz-zewg aggravji hu li minn ri-evalwazzjoni tal-provi li ghandha taghmel din il-Qorti ta’ l-Appell, hemm materjal sufficjenti biex din il-Qorti twarrab l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti u, minflok, tiddeciedi li t-talbiet attrici ma kellhomx jintlaqghu peress li l-preponderanza tal-provi ttendi favur il-verzjoni moghtija mill-konvneut appellant.

8. Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija prassi stabbilita taghha li ma tiddisturba qatt leggerment l-evalwazzjoni tal-provi li tkun saret mill-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet serji li jkunu juru xort'ohra. Ibda biex il-provi ta' fatt ikunu gew prodotti direttament quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk dik il-Qorti tkun fl-ahjar qaghdha biex tikkontrolla, tifli u tizen dawn il-provi. Minbarra dan, minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta evidenti wkoll li l-ewwel Qorti gharblet sew l-istess provi qabel ma ppronunzjat ruhha u emanat sentenza studjata u garbata. Din il-Qorti, fi kwalunkwe kaz, ma hijiex tal-fehma li l-appellant joffri xi verzjoni affidabbli dwar il-provenjenza u akkwist ta' l-oggetti reklamati mill-atturi. Huwa fatt li s-Supretendent Gatt meta xehed qal, fost ohrajn, hekk (ara parti mid-deposizzjoni tieghu tad-19 ta' Novembru, 1999, a fol 183 – 191 tal-process),
"Fl-ebda hin is-Sur Vella ma qalli 'Dawk (l-oggetti) sraqthom minn hemm' jew 'Dawk sraqthom minn hawn'. Pero` s-Sur Vella qalli, u semmieli biss 'Dawk xtrajthom minghand Tizju u naf li kienu gejjin bil-hazin'. 'Dawk xtrajthom minghand hekk (sic) u naf li gejjin bil-hazin' (fol. 191)."

(Sottolinear tal-Qorti)

9. Ghandu jinghad illi li kieku l-ewwel Qorti strahet biss fuq din ix-xhieda u waqfet hemm, forsi ma kienx ikun hemm provi bizzejjed biex tipprevali l-verzjoni tal-fatti ta' l-appellati, izda <u>mill-assjem tal-provi prodotti</u>, din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzjoni raggunta mill-Qorti ta' l-ewwel grad, li l-probabilita` hi dik li dawn l-oggetti kienu originarjament jappartjenu lil Richard Ellis, illum mejjet, awtur ta' l-appellati u zijuhom. Dawn l-oggetti kienu tqeghdu go dar fil-Wardija, mnejn sfaw misruqa. L-atturi identifikaw, billi gharfu, l-imsemmija oggetti bhala dawk li kienu ta' zijuhom. Veru li kien hemm xi oggetti ohrajn li dwarhom saret "claim" minn terzi, imma l-ewwel Qorti anki dwar dan ipprovdiet fis-sentenza li tat.

10. Huwa minnu li l-konvenut appellant xehed fis-sens li l-oggetti in kontestazzjoni inxtraw minnu b'mod lecitu imma

minn ezami tax-xhieda tieghu wiehed jirriskontra mankanzi notevoli f'dik li hija veradicita`, verosimiljanza u konsistenza. Per ezempju, wara l-prezentata ta' affidavit estensiv (fol. 62 – 67 tal-process, Dok XX), li fih il-konvenut jaghti l-impressjoni li kien neguzjant ta' oggetti antiki u li fil-kors ta' dan in-negozju kien jinnegozja wkoll "ma' bosta avukati fosthom Ganado, l-avukat Delia, l-avukat Bonello, u l-avukat Frendo Randon u bosta ohra" (fol. 64), meta gie kontro-ezaminat dwar kull wiehed minnhom – ara kontro-ezami a fol. 80 – 94 tal-process – spicca biex wera li fil-fatt hu ma kien xtara xejn mill-oggetti in kawza. Isemmi mbaghad nies ohrajn li inzertaw mejta u li evidentement ma setghux jigu prodotti b'xhieda. Ricevuti ta' l-oggetti ma gewx prodotti taht il-pretest li dawn gew elevati mill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghha u "bosta minnhom huma esebiti fl-atti tal-kawza kriminali" – jekk dan il-fatt huwa minnu, l-appellant ma gab ebda prova konkreta dwaru. Ghall-kuntrarju tieghu, l-appellati sa anke pprezentaw ritratti ta' l-oggetti li kienu ghandhom qabel ma' l-istess oggetti sfaw il-mira tal-hallelin. Fil-fehma tal-Qorti, il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kienet wahda gusta u korretta u ma tara assolutament ebda raguni biex tvarjaha u wisq anqas li tirrevokaha kif talab il-konvenut appellant

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut b'dan li l-ispejjez ta' dan l-appell ikunu a karigu ta' l-appellant, u dawk relativi ghall-ewwel istanza jibqghu invarjati u kif deciz dwarhom mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------